# Festa differenti



**Ryan Micallef**
*Membru, Kummissjoni Banda u Kor*

Għaddiet sena oħra mill-festa tal-Vitorja, sena li bdiet bħala waħda impenjattiva ferm mimlija b'ħafna xogħol ippjanat b'risq l-għaqda tagħna. Wara l-festa, il-Kummissjoni Banda u Kor bdiet timpenja ruħha f'attivitajiet diversi organizzati minnha u minn fergħat oħra fi ħdan l-Għaqda. Fost dawn insibu l-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa, 'Jum it-Tifkira' fejn fiha nfakkru l-memorja ta' sħabna li rħewlha għal ħajja aħjar, u l-attivitajiet tal-Milied. Il-qofol ta' dan tal-aħħar kienu l-programm tal-Milied nhar l-14 ta' Diċembru fis-sala tal-każin u programm ieħor li sar fil-Pjazza tal-Parroċċa lejlet il-Milied.

Minn hemm bdew it-tħejjijiet għall-programm ta' Ħadd il-Palm li mbagħad sfortunatament kellu jitħassar flimkien mal-wirja 'Iċ-Ċaħda' li kellha tittella' mill-Kummissjoni Żgħażagħ minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Minn hemm, flimkien ma' nies oħra, il-Kummissjoni bdiet tagħti sehem f'xogħol ta' manutenzjoni fil-każin. Għalhekk, f'dan iż-żmien xejn faċli stajna nutilizzaw il-ħin biex isir xogħol bżonjuż li minnu jibbenefika l-każin u l-membri tiegħu. B'hekk wieħed jista' jinnota kif filwaqt li ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtiega, is-sehem tagħna fil-każin ma waqafx u fortunatament nistgħu ngħidu li sar ħafna xogħol li kien ilna nixtiequ jsir.

Hekk kif is-sitwazzjoni kienet tidher li qiegħda tiċċara, il-kunċert ta' kull ġimgħa reġa' ħa postu fuq il-bejt tal-każin biex filwaqt li tiġi preparata l-mużika, il-Banda tibqa' attiva avolja ikkaratterizzata b'ċerti miżuri li jassiguraw iġjene sħiħa kontra l-virus. Sfortunatament, dawn is-siltiet mhux ser ikunu jistgħu jiġu esegwiti għall-komunità minħabba f'iżjed restrizzjonijiet tal-massa li ddaħħlu ġewwa pajjiżna f'dawn l-aħħar ġimgħat.

Nittamaw li s-sena d-dieħla jkollna festa ikbar u isbaħ ad unur ta' Marija Bambina!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu
l-Mużika mal-Banda Imperial

George's Bakery
22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685
Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd


MALTA BUS
COOP.
Nostalgic?
Here's a way to make some new fantastic memories...
GROUP TRANSPORTATION FOR EVERY SPECIAL OCCASION
T: +356 21573900 / M: +356 79005559 • E: info@maltabuscoop.com • W: maltabuscoop.com • Find us on


Meet Garage
Cab & Minibus Services
• Chauffeur Driven Cab/Minibus Service
• Exclusive Airport Transfer
• Wedding Transport Organisers
• Corporate Event Transport Service
• Exclusive Individual Tours
• Any Occasion Transport Providers
Cab Service to all local destinations 24/7
Make your booking on - Mob: +356 7900 9698 email: meetgarage@gmail.com
Find us on: facebook.